MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 190/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Carlo Stivala**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kontra Carlo Stivala talli a nom u in rappresentanza ta' GMT (Malta) Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-15 ta' April 2004 li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa ghaz-zmien ta' taxxa li ntemm fid-29 ta' Frar 2004, u dan bi ksur ta l-artikoli 27(1) u 76(c) ta' l-Att nru XXIII ta' l-1998; l-ewwel qorti kienet mitluba li tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tliet xhur, taht multa ta' mhux anqas

minn zewg liri u mhux aktar minn ghaxar liri ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carlo Stivala hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira (Lm150) u ordnatlu sabiex fi zmien tliet xhur jikkonforma ruhhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt liri (Lm6) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carlo Stivala, minnu ppresentat fis-16 ta' Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2007; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa fis-sens li huwa gie notifikat bl-att tac-citazzjoni wara li kienu ghaddew sentejn, li huwa l-periodu preskrittiv. It-tieni aggravju hu fis-sens li "il-prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli tressaq prova li torbot lill-appellant fid-data inkriminata ma' GMT (Malta) Limited, u konsegwentement [prova] li hu kellu xi responsabbilta` li jibghat id-denunzja tat-taxxa ghal dak il-periodu, jew [prova] li kien il-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud". L-intimat Avukat Generali wiegeb ghall-ewwel aggravju billi sostna li hawn si tratta ta' reat permanenti, b'mod ghalhekk li tapplika l-ahhar parti ta' l-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li tipprovdi li z-zmien tal-preskrizzjoni ghar-reati permanenti jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Bhala fatt qed jigi allegat li l-appellant – jew ahjar il-kumpannija – kellu jibghat id-denunzja tat-taxxa sal-15 ta' April 2004; ic-citazzjoni, taht l-firma ta' l-Ispettur A. P. Miruzzi, iggib id-data 20 ta' Ottubru 2006, b'mod ghalhekk li din evidentement inharget <u>wara</u> li kienu ghaddew sentejn mid-data tal-15 ta' April 2004 u allura *multo magis*

in-notifika taghha lill-appellant bilfors saret ukoll wara li kienu ghaddew sentejn. L-appellant evidentement hawn qed jikkontendi li si tratta ta' reat istantanju.

Il-kriterju jew kriterji li toffri d-duttrina ghalbiex jigi deciz, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, jekk ir-reat hux wiehed istantanju jew permanenti gew imfissra mill-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati) fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri**[1]**.** F'din is-sentenza, il-kompjant Imhallef Guze` Flores kien qal hekk:

**"…fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta' omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta' armi. Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni taljana (Repertorio, 1952, col. 2300): *'Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall'agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo.'* Meta, imbaghad, il-vjolazzjoni tal-ligi tkun tikkonsisti f'omissjoni – reati omissivi – u jkun hemm stabbilit terminu ghall-osservanza tal-ligi, sa biex tkun tista' tigi determinata n-natura istantanea jew permanenti tar-reat, irid qabel jigi ezaminat jekk it-terminu jkunx essenzjali, fis-sens li l-iskadenza tieghu tkun twassal ghal pregudizzju**

[1] L-insenjament f'din is-sentenza gie segwit ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tat-13 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Mugliett sive Mugliette** (sedenti l-Imhallef Fotunato Mizzi).

**<u>definittiv tal-interess tutelat mil-ligi</u>, jew inkella jkunx biss <u>indikattiv</u> tal-inizju tal-omissjoni penali.**

**"Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni (*ibidem*): *'Per distinguere nella categoria dei reati omissivi, quelli istantanei da quelli permanenti, deve accertarsi se la norma stabilisce il termine di un obbligo di fare con pregiudizio definitivo del bene protetto, o come inizio di un'omissione che si protrae nel tempo e che possa essere interrotta col compimento dell'obbligo'*.**

**"B'applikazzjoni ta' dan il-kriterju l-istess tribunal irritjena (*ibidem*) illi: *'L'art. 21…nello stabilire che i datori di lavoro devono comunicare entro cinque giorni al competente ufficio di collocamento il nome e la qualifica dei lavoratori di cui sia cessato il rapporto di lavoro, intende proteggere la situazione dei lavoratori per tutte le eventuali forme di assistenza e reimpiego; da cio` si desume che il pregiudizio dell'interesse protetto si inizia dopo il quinto giorno dalla cessazione del rapporto di lavoro e continua per tutto il tempo dell'omissione fino a quando l'obbligato non compie la comunicazione prescritta'.***

**"L-istess kuncett gie ribadit mill-istess tribunal (Repertorio, 1956, 2300) f'kaz iehor fejn gie ritenut: *'Ove sia fissato un termine per l'adempimento di un obbligo assistito da una senzione penale, in caso di inosservanza il reato e` istantaneo o permanente a seconda che la funzione del predetto termine sia di natura essenziale, nel senso che con la sua scadenza resta irrimediabilmente pregiudicato l'interesse protetto, ovvero sia soltanto indicativa, nel senso che la sua scadenza rappresenta bensi` un momento inziale dello stato antigiuridico, ma e` tutt'ora possibile all'agente di salvaguardare quell'interesse, provvedendo, per quanto tardivamente, all'ottemperanza del proprio dovere. E` reato permanente la contravvenzione ad una ordinanza del sindaco, che abbia imposto la costruzione di alcuni gabinetti di decenza, fissando all'uopo un termine'."***

Fl-imsemmija sentenza jinghataw diversi ezempji ohra, kemm ta’ qrati taljani kif ukoll tal-qrati taghna.

Issa, fil-kaz in dizamina, ir-reat huwa maghmul jikkonsisti filli dak li jkun –il-persuna registrata – jonqos li josserva dak li jinghad fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 27 tal-Kap. 406:

**27. (1) Kull persuna registrata taht l-artikolu 10 ghandha taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull zmien ta’ taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta’ taxxa relattiv.**

Huwa evidenti li hawnhekk il-legislatur qed jitttutela u jipprotegi mhux l-interess li jigu osservati t-termini fihom infushom, izda l-finalita` tal-gbir tat-taxxa li ma tistax tingabar jew tingabar sew jekk ma jkunx hemm id-denunzja. Fi kliem iehor, u biex wiehed jiehu l-kaz in dizamina, id-data tal-15 ta’ April 2004 (u l-fatt li d-denunzja ma saritx entro dak it-terminu) ma kienitx twassal ghal pregudizzju definittiv tal-interess tutelat mill-ligi, izda kienet semplicement indikattiva ta’ meta beda n-nuqqas li jammonta ghal reat. L-istat antigiuridiku, konsistenti fin-nuqqas ta’ denunzja b’mod li l-Kummissarju jigi incampat fil-gbir sew tat-taxxa, jista’ jigi rimedjat b’att ta’ volonta` tal-agent, cioe` billi l-agent effettivament jaghmel dik id-denunzja, anke jekk tardivament. Differenti, per ezempju, huwa l-kaz ta’ min, entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, jonqos li jhallas il-manetniment – trattandosi hawnhekk ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku l-interess li qed tipprotegi l-ligi ma hux il-hlas tal-manteniment *ut sic* (li jibqa’ certament dovut civilment) izda l-isfida ghall-awtorita` tal-qorti li tkun ordnat dak il-hlas jew ghall-awtorita` ta’ att pubbliku – il-kuntratt – u ghalhekk in-non-osservanza tat-terminu f’dan il-kaz tal-manteniment iwassal ghal pregudizzju definittiv ta’ l-interess tutelat mill-ligi.

Mid-deposizzjoni ta’ Paul Scicluna, moghtija fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2007, jirrizulta li sal-lum, jew ahjar sat-28 ta’ Gunju ta’ din is-sena, id-denunzja relattiva kienet ghadha

ma ntbaghtitx. Isegwi, ghalhekk, li l-periodu preskrittiv kien ghadu ma bediex jiddekorri fit-28 ta' Gunju 2007. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, pero`, l-appellant ghandu ragun. Ghalkemm kien huwa, fil-kwalita` tieghu ta' direttur, li fis-6 ta' Ottubru 2003 iffirma l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni (ara d-dokument a fol. 5), jirrizulta mid-dokument ezibit fil-mori tal-appell mis-Sur Paul Scicluna, rappresentant tal-Kummissatju tal-V.A.T., konsistenti dan id-dokument f'kopja ta' *entry* fir-*Register of Companies* taht il-*Companies Act 1995*, li f'dik l-istess gurnata cioe` fis-6 ta' Ottubru 2003 l-appellant kien irrizenja minn "sole director and legal and judicial representative" u li floku kienu gew appuntati tnejn min-nies ohra: Peter Tsounis bhala *managing director and legal and judicial representative*, u Jeffrey Buttigieg bhala direttur. Dan id-dokument dahal fir-*Registry of Companies* fil-15 ta' Ottubru 2003. Ghalkemm evidentement hija haga pjuttost stramba (biex wiehed ma juzax aggettivi ohra) li fl-istess gurnata li Stivala iffirma, bhala direttur, l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni huwa mbaghad jirrizenja minn direttur, mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax tifhem ghala fl-2006 il-Kummissarju tal-V.A.T. ghazel li jharrek, bhala li jirrapresenta lill-kumpannija registrata GMT (Malta) Ltd, u ghal reat li beda jsehh fil-15 ta' April 2004, lil Carlo Stivala meta dan Stivala jirrizulta li rrizenja minn direttur f'Ottubru tal-2003.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-tieni aggravju u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Carlo Stivala minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------